Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum is-6 ta' Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spetttur Christina Delia)**
**Versus**

**Carmel Camilleri (171375M)**

**Kumpilazzjoni Numru: 154/2021**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Carmel Camilleri ta' 46 sena, iben Alfred u Teresa xebba Agius, imwieled Pieta nhar il-15 ta' Marzu, 1975, u residenti, 140, Rustika, Triq Santu Rokku, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 171375(M).

Billi huwa gie akkuzat talli nhar l-10 ta' Frar, 2020 ghal habta ta' bejn 12.40 u 13.15 gewwa Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Camilleri skond kif iccertifika Dr. Ryan Camilleri nru reg 3672 tal-Isptar Mater Dei,

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Keith Camilleri skond kif iccertifika Dr. Noemi Cortis nru reg 6083 tac-Centru tas-Sahha Birkirkara;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta lil imputat bhala recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta hu kien

misjub hati u ikkundanat ghall-reati, b'sentenza u reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Alfred Camilleri u Keith Camilleri billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti tal-Art. 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli pprezentati fis-7 ta' Dicembru 2021, (esebita *a fol.* 54 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a. Fl-Artikoli 214, 215 u 216(1)(a)(i) (ii)(iii)(b)(d)(2)) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi fit-12 ta' Mejju 2022, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed PS3 Kevin Galea fis-6 ta' Mejju 2021, fejn qal illi fl-10 ta' Frar 2020, kien mar Alfred Camilleri jirraporta l-ghassa Birkirkara illi ghal-habta tas' 12.45hrs waqt illi kien id-dar tieghu fi Triq Mons Inguanez, Birkirkara kienet marret habtitlu l-bieb Doreen Camilleri, li bdiet tghidlu 'x'mort tghidlu lil-zewg li kont nigi hdejk' u fil-pront hareg ir-ragel taghha Carmel Camilleri, minn wara l-lift u tah daqqa ta' ponn li tefghu ma' l-art, u waqt illi kien ma' l-art kompla jaghtih. Carmel Camilleri kien qabad

vazun u waddbu lejn il-wallunit, fejn ghamel hsara fil-parti t'isfel tal-wallunit. Alfred qallu biex johrog il-barra mid-dar tieghu u telqu l-barra. Ix-xhud baghat ghal Carmel Camilleri u l-imputat inghata d-dritt tal-Avukat, izda l-imputat iffirma dikjarazzjoni li ma' kellux bzonn jitkellem m' Avukat. Hu qal illi l-mara tieghu Doreen Camilleri, qaltlu li kellha relazzjoni ma' Alfred Camilleri, u gieli sawwatha u li kienet ghamlet rapport kontrih. L-imputat qalli li Alfred kien jirrikattaha u jheddidha li jekk ma' tibqax mieghu kien ser jtajjarha bil-karrozza jew jahraqilha l-karrozza. L-imputat mar mal-mara tieghu ghand Alfred, fejn Doreen habtitlu l-bieb u hu baqa' mohbi fil-genb. X'hin fetah il-bieb Alfred, beda jilletika u f'hin minnhom refa' idejh fuq Doreen. X'hin ra hekk, l-imputat mar u mbotta lil Alfred u dan spicca ma' l-art u sema' oggett jinkiser. Carmel qal illi ma dahalx gewwa, u x'hin Alfred qam minn mal-art qallu toqba go sidrek naghmillek. Kien hemm it-tifel ta' Alfred prezenti, li wara rrizulta li jismu Keith, imma ma' dahluhx fl-istorja. Minn fuq is-sistema irrizulta, illi Alfred Camilleri kellu zewg armi registrati fuqu u l-iSpettur qaltlu biex jelevaw dawn l-armi ghal safekeeping. B'hekk hu u PC484, marru fid-dar ta' Alfred Camilleri, fejn kien hemm il-mara tieghu Sandra Camilleri u elevaw iz-zewg armi. Sandra Camilleri ma' kinitx prezenti waqt l-incident, imma indikatlu l-hsara fil-wallunit u kien jidher il-hgieg mkisser tal-vazun u x-xhud ha ritratti. Doreen Camilleri kienet taghtu l-verzjoni taghha, li r-ragel kien qalilha, li Alfred kien qallu kollox dwar ir-relazzjoni u hi ammetiet u qalilha beix jmorru flimkien ghand Alfred u x'hin fetah il-bieb, qaltlu, x'mort tghidlu lir-ragel. Alfred qalilha li ma' kien qal xejn, u hareg l-imputat minn wara l-lift u bdew jilletikaw. Hi semghet lil Alfred jghid dwar xi toqba, u rat lir-ragel taghha mimli demm. Fis-6.20pm rega' mar Carmel Camilleri, li qal illi ma' kienx semma' lit-tifel ta' Alfred, Keith, peress illi kien suldat. Fil-fatt wara li Alfred kien spicca ma' l-art, kien mar Keith u tah daqqa ta' ponn fuq imniehru tant li fargu. Carmel Camilleri kien ha certifikat li sofra griehi hrief. Ix-xhud ipprezenta certifikat mediku ta' Alfred Camilleri, li juri li sofra griehi gravi mmarkat bhala Dok AMG1. Ix-xhud kompla jghid illi fil-15 ta' Frar 2020, kien rega' mar Alfred Camilleri biex izid mar-rapport, li meta kien hemm l-incident, kien mar ibnu Keith biex jaqla' lil Carmel minn fuqu, u Carmel kien dar biex jaghtih, u t-tifel beda jdurlu mal-kcina biex ma' jilhqux sakemm Carmel qabad vazun u garah fid-direzzjoni ta' Keith u laqat il-wallunit. Mar ukoll Keith Camilleri, li kien ikkonsulta mal-Avukat tieghu, u qal illi dakinhar ta' l-incident, hu kien fil-kamra tieghu u sema' il-bieb u diskors ma' mara, u wara kliem hazin u ghajjat u tkissir. Qam jigri u ra lil missieru ma' l-art b' Carmel fuqu, li kien qieghed jaghtih bil-ponn u bis-sieq, u hu

mar biex jaqla' lil dan ir-ragel minn fuqu. Dar-ragel qabad lil Keith u beda jmexxieh lura u habtu mal-gredenza u qabad vazun u beda jigri warajh fil-living room u garalu l-vazun, izda ma' laqtux u laqat il-wallunit. Keith qallu li ra li, dan ir-ragel kellu d-demm hiereg minn imniehru, fill fatt offrilu tissue. Ix-xhud ipprezenta certifikat mediku ta' Keith Camilleri ta' griehi hfief mmarkat bhala Dok AMG2 u sett ta' sitt ritratti Dok AMG3. Ix-xhud ikkonferma r-rapport li kien *a fol.* 3 li kien ipprepara hu stess.

Illi fit-13 ta' Mejju 2021, xehed Alfred Camilleri li qal illi kien qed jaghraf lil imputat. Alfred Camilleri qal illi fl-10 ta' Frar 2020 kienet habtet il-bieb tad-dar tieghu Doreen Camilleri, li kellu relazzjoni maghha, u bdiet tghidlu *'x'mort tghidlu lir-ragel tieghi u urejtu ritratti tieghi'*. Hu qalilha li ma' kienx urieh ritratti, u fil-pront hareg l-imputat Carmel Camilleri, ir-ragel taghha, minn wara l-lift u tah daqqa u qalbu ma' l-art u baqa' jaghtih waqt li kien mal-art. Bil-waqa' kien kiser idejh. It-tifel tieghu Keith Camilleri, hareg mill-kamra tieghu meta sema' l-istorbju, u beda jigbed lil Carmel minn fuqu, ghax kien fid-dar tieghu. Carmel qam ghat-tifel u beda jimbbutah fil-kuritur u habtu mall-gradenza, u fil-fatt ghamilu tbengila kbira. It-tifel irnexxielu jisgicca u Carmel qabad vazun u waddabulu, u t-tifel irnexxielu jiskappah u l-imputat laqghat il-wallunit minflok. Ix-xhud qal illi wara li telqu mar l-ghassa biex jaghmel rapport. Hu mar l-isptar u kellhom jopperawh f'idejh ix-xellugijja u ghamlulu l-hadid ghax kienet miksura.

Illi xehed Keith Camilleri fejn qal illi hu kien fil-kamra tieghu fl-10 ta' Frar 2020 f'xi 12.45pm u habbat il-bieb u kien fetah missieru Alfred Camilleri. Ix-xhud sema' lehen ta' mara, u wara ftit sema' tisbit kbir, u mar biex jara x'gara, u ra lil missieru jaqla bis-sieq u bil-ponn fis-salott minn Carmel Camilleri li gharaf fl-awla bhala l-imputat. Hu mar biex iferraqhom u jaqla' lil Carmel Camilleri minn fuq missieru. Carmel dar ghalih u imbuttah l-kuritur, u hu beda jipprova jersaq lura, u beda jaghtih b'idejh, u x'hin waqaf habat il-hip ma' l-ghamara, u Carmel qabad vazun biex jaghtih bih u hu telaq jigri. X'hin ra hekk l-imputat waddablu l-vazun u ghamel hsara fil-wallunit tas-salott. Ix-xhud qal illi hu mar il-polyclinic ghat-tbengil u kkonferma c-certifikat mediku immarkat AMG2.

Illi fl-4 ta' Novembru 2021 xehed Fraklin Calleja, fejn ikkonferma sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Neville Camilleri fil-konfront ta' Carmel Camilleri fit-3 ta' Marzu 2014, u kkonferma ukoll li ma' kienx hemm appell minnha.

Illi xehdet Doreen Camilleri fejn qalet illi ma' xtaqitx tixhed fil-konfront ta' zewgha li huwa l-imputat.

Illi xehdet Dr. Noemi Cortis, fejn qalet illi hi kienet harget rapport nhar il-15 ta' Frar 2020, wara li rat lil Keith Camilleri fil-Health Centre, Birkirkara, fejn ikkonfermat ir-rapport *a fol*. 22, u qalet illi kellu tbengil fuq il-koxxa tal-lemin li kienet 10x5cm, u li din kienet hadranija ghax kien allegament gie imbutat minn xi agressur fl-10 ta' Frar 2020.

Illi fid-9 ta' Dicembru 2021, xehed Dr. Ryan Camilleri, li kkonferma certifikat li kien hareg fl-10 ta' Frar 2020, wara li kien ra lil Alfred Camilleri, li kien jidher li kien involut fi glieda u kien sar x-ray ta' jdejh li kienet miksura, u ghalhekk hu kkonferma c-certifikat li kien hareg, li kien *a fol.* 21 fejn il-griehi kienu gravi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat debitament assistit mill-konsulent legali tieghu, tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega tenna l-ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 8, 17, 31, 49, 50, 214, 215 u 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(b)(d)(2)) u 221(1), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lil imputat Carmel Camilleri **hati** ta' l-

imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal piena ta' **tmintax-il xahar (1) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' (4) snin**.

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **Carmel Camilleri** b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **erbgha (4) snin** millum, ghall-protezzjoni ta' **Alfred Camilleri u Keith Camilleri**. Il-Qorti fissret lil imputat Carmel Camilleri bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Illi wkoll il-Qorti qed taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Alfred Camilleri u Keith Camilleri ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** u qeda torbot lil hati **Carmel Camilleri** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Alfred Camilleri u Keith Camilleri.**

Il-Qorti spjegat lil imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha (4) snin millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat